# Il-Patrimonju Tagħna



**KITBA**
Mario Coleiro

**RITRATTI**
Dipartiment tal-Informazzjoni

**PRODUZZJONI**
Mark Farrugia
David Bartolo

**ĦAJR**
Emanuela Magro Conti
Alexander Debono
Kenneth Cassar
Robert Cassar
John J. Borg
Charles Debono

Pubblikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru
2016

# Il-Patrimonju Tagħna

GVERN TA' MALTA


OLYMPUS

# Werrej


| | |
|---|---|
| Introduduzzjoni | 5 |
| Litografija ta' Suleiman il-Manifiku | 7 |
| Inċiżjoni ta' Karlu V | 9 |
| Inċiżjoni ta' Nikolaus Subic Zrinski | 11 |
| Inżiċjoni ta' Ascanio Della Corgna | 13 |
| Inżiċjoni ta' Filippu II | 15 |
| Self Portrait – Mattia Preti | 17 |
| Ktieb tal-1693 dwar il-konverżjoni tal-Misilmin | 19 |
| Kwadru ta' Pietro Attard | 21 |
| Azzarin użat mill-Franċiżi matul ir-rewwixta | 23 |
| Platt kommemorattiv tal-fidda | 25 |
| Kwadru ta' Giuseppe Zammit Ta' Ċejlu | 27 |
| Kollezzjoni ta' bebbux | 29 |



# Introduzzjoni

Għal sena oħra fl-okkażjoni tan-Notte Bianca, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru qiegħed jorganizza esebizzjoni fil-Berġa ta' Kastilja bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' Heritage Malta.

Heritage Malta hija responsabbli mill-kollezzjoni nazzjonali li tiġbor fiha dak kollu li jappartjeni lill-poplu Malti u Għawdxi.

Waqt li hija obbligata li żżomm fl-aħjar kundizzjoni possibli l-kollezzjoni nazzjonali, minn żmien għal żmien Heritage Malta takkwista oġġetti li jkunu fis-suq u li jkunu ta' importanza għall-patrimonju ta' pajjiżna.

L-esebizzjoni ta' din is-sena titratta wħud mill-akkwisti riċenti li Heritage Malta għamlet biex tkompli tkabbar il-kollezzjoni nazzjonali.

Dawn l-akkwisti jvarjaw f'ħafna ġeneri ta' artifatti li kollha jidħlu fid-diversi kollezzjonijiet tal-mużewijiet li tamministra Heritage Malta.

Fl-istess ħin Heritage Malta tħeġġeġ individwi biex jirregalaw kollezzjonijiet privati lill-istat Malti biex b'hekk il-poplu Malti u Għawdxi jkun jistà japprezza aħjar il-patrimonju nazzjonali.



# Introduzzjoni

Għal sena oħra fl-okkażjoni tan-Notte Bianca, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru qiegħed jorganizza esebizzjoni fil-Berġa ta' Kastilja bil-kollaborazzjoni sħiħa ta' Heritage Malta.

Heritage Malta hija responsabbli mill-kollezzjoni nazzjonali li tiġbor fiha dak kollu li jappartjeni lill-poplu Malti u Għawdxi.

Waqt li hija obbligata li żżomm fl-aħjar kundizzjoni possibli l-kollezzjoni nazzjonali, minn żmien għal żmien Heritage Malta takkwista oġġetti li jkunu fis-suq u li jkunu ta' importanza għall-patrimonju ta' pajjiżna.

L-esebizzjoni ta' din is-sena titratta wħud mill-akkwisti riċenti li Heritage Malta għamlet biex tkompli tkabbar il-kollezzjoni nazzjonali.

Dawn l-akkwisti jvarjaw f'ħafna ġeneri ta' artifatti li kollha jidħlu fid-diversi kollezzjonijiet tal-mużewijiet li tamministra Heritage Malta.

Fl-istess ħin Heritage Malta tħeġġeġ individwi biex jirregalaw kollezzjonijiet privati lill-istat Malti biex b'hekk il-poplu Malti u Għawdxi jkun jistà japprezza aħjar il-patrimonju nazzjonali.



Marion del et Sc. Lemaitre direxit

*Sultan Suleimân le Législateur*

# Litografija ta' Suleiman il-Manifiku

(Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)

Litografija li turi lil Suleiman I li twieled fl-1494 u kien magħruf bħala Suleiman il-Manifiku, l-għaxar Sultan tal-Imperu Ottoman. Ir-renju twil tiegħu ta' kważi ħamsin sena, l-itwal wieħed ta' Sultan Ottoman, ra ħafna episodji kbar fl-Imperu Ottoman. L-ambizzjoni li kellu kienet biżejjed biex imexxi Imperu daqshekk vast għal tant snin u fl-istess ħin jaħdem biex ikompli jkabbar dan l-istess Imperu.

Il-pjan li kellu ta' espansjoni kien iħares lejn il-Punent u għalhekk ħarstu waqgħet fuq pajjiżi fl-Ewropa. Din l-ambizzjoni kienet kawża ta' ħafna gwerer bejn il-Kristjaneżmu u l-Iżlam, fosthom l-Assedju l-Kbir ta' Malta. Bħala gwerrier, Suleimen mexxa l-armata Ottomana fil-ħtif ta' Belgrad, Rodi, Mecca, Medina, Ġerusalem, Damaskus, il-Kajr u Bagdad. Attakka wkoll Vjenna fl-1529 iżda hawnhekk il-forżi Ottomani sfaw megħluba. Taħt il-ħakma tiegħu l-Ottomani kien jmexxu Imperu b'popolazzjoni ta' madwar 30 miljun persuna. Ir-renju ta' Suleiman huwa magħruf bħala Iż-Żmien tad-Deheb f'dawk li huma kisbiet fl-oqsma tal-arkitettura, l-letteratura, l-arti u l-filosofija. Sal-lum f'ħafna bliet fit-Turkija għad hemm xogħol arkitettoniku li sar fi żmien Suleiman.





Ironikament l-aħħar Sultan tal-Imperu Ottoman, Mehmed VI li tneħħa wara li t-Turkija saret repubblika fl-1922, iktar minn 400 sena wara l-Assedju l-Kbir, spiċċa Malta fuq l-HMS Malaya wara li kien eżiljat f'Novembru ta' dik is-sena.


XXXV.
CAROLVS AVSTRIACVS, HISPANIAR. ETC. REX,
ET VNITI BELGII PRINCEPS EIVS NOMINIS II^{us}
EIVSDEMQVE NOMINIS V.^{us} IMPERATOR AVGVSTVS.
CESSIT A^{o}. MDLV^{to}. PHILIPPO FILIO VNICO
HISPANIAS, INDIAS, ET BELGIVM:
DEO VACANS PER TRIENNIVM, PIE OBIIT
GRANATÆ AD S. IVSTI Æ. MDLVIII.
Certabant nuper Pietas & bellipotens Mars
De vitâ & factis, Carole Quinte, tuis.
Laude hic te dignum referebat, at illa negabat,
Hic captæ Romæ, sed memor illa crucis.
Tandem multa minans, quid verbis obstrepis? inquit,
Quum Pietas, Judex Justitia, inquit, erit.
Tunc litem Dea Justa secans, verum, inquit, utrumq; est.
Nunc ite, at quàm vos prælia dira manent!

# Inċiżjoni ta' Karlu V

(Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)

Inċiżjoni minn fuq ir-ramm li turi lill-Imperatur tas-Sagru Imperu Ruman, Karlu V. Karlu V wiret territorji estensivi fl-Ewropa minn tlett dinastiji kbar li kienu jmexxu l-Ewropa ta' dak iż-żmien. Konsegwenza ta' dan Karlu V spiċċa jaħkem fuq il-Punent, iċ-ċentru u n-naħa ta' isfel tal-Ewropa. Dan apparti l-konkwisti li saru fi żmienu fil-kontinent il-ġdid tal-Amerika. Din id-dominanza fl-Ewropa wasslet biex Karlu V daħal fi gwerra ma' Franza.



Minn naħa l-oħra bħala d-difensur tad-dinja Nisranija, Karlu V daħal fi gwerer fuq naħa mal-Imperu Ottoman, kawża tal-firxa tal-Iżlam u fuq in-naħa l-oħra mal-Prinċpijiet Ġermaniżi, kawża tal-firxa tal-Protestantiżmu.

Karlu V kien ukoll l-Imperatur li fl-1530 għadda lill-gżejjer Maltin flimkien ma' Tripli lill-Ordni ta' San Ġwann. Karlu V kien offra lil Malta għall-ewwel darba lill-Ordni fl-1524 wara li l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu tkeċċew minn Rodi mill-Ottomani. Fil-verita Karlu ried jeħles minn Malta peress li għalih kienet art bla valur. Għall-bidu l-Ordni ma tantx kellhom interess li jieħdu lil Malta peress li Karlu kien għamlilhom ċerti kundizzjonijiet, ewlenija fosthom dik li ma' Malta riedu jieħdu wkoll lil Tripli. L-Ordni iżda eventwalment bagħtet delegazzjoni biex tistudja l-qagħda ta' Malta u tagħmel rapport. L-istudju wasal għall-konklużjoni li Malta ma kenitx tajba għall-Ordni. Ma kelliex fortifikazzjonijiet tajbin. Ma tantx kienet toffri prodotti agrikoli. Kellha nuqqas ta' ilma u kellha wkoll nuqqas ta' injam biex jibnu x-xwieni.

Ma dan kollu meta għaddew iktar snin u baqgħet mingħajr bażi permanenti, l-Ordni biddlet il-ħsieb dwar Malta u fit-23 ta' Marzu 1530, f'Kastelfranko, qrib il-belt Taljana ta' Bologna, Karlu V iffirma l-għoti ta' Malta flimkien ma' Tripli, lill-Ordni ta' San Ġwann. Il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin f'dan iż-żmien kienet ta' madwar 12,000 persuna. L-ewwel Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta kien Philippe de Villiers de L'Isle-Adam.

Karlu V abdika ta' 56 sena wara li kien ilu Imperatur għal 34 sena sħaħ. Mar jgħix f'monasteru fejn miet sentejn biss wara kawża tal-malarja. Huwa kien miżżewweġ lill-kuġina tiegħu Isabella u kellhom sitt itfal. Fl-istess ħin kellu erba t'itfal illeġittimi.





# Inċiżjoni ta' Nikolaus Subic Zrinski

(Mużew Marittimu)

Inċiżjoni minn fuq ir-ramm li turi lil Nikolaus Subic Zrinski, nobbli Kroat fis-servizz tal-Monarkija Irjali tal-Habsburg bejn l-1556 u l-1564. Zrinski wettaq diversi rebħiet fuq il-qawwiet Ottomani. Bejn il-5 t'Awissu u s-7 ta' Settembru 1566 flimkien ma' 2,300 suldat irnexxielhom jirreżistu attakk qawwi ta' ikar minn 100,000 suldat Tork li kienu mmexxija mis-Sultan Suleiman innifsu. Dan l-assedju kien sar fuq il-fortizza ċkejkna ta' Szigetvar. Fl-assedju Zrinski u s-suldati tiegħu inqatlu kollha.



Il-familja Habsburg kienet tmexxi l-Imperu Ruman Qaddis bejn l-1438 u l-1740. Mis-seklu 16 din il-familja inqasmet fil-parti Awstrijaka u oħra Spanjola. Malta kienet tagħmel parti minn dan l-imperu fil-parti Spanjola qabel ingħatat lill-Ordni ta' San Ġwann. Dan l-Imperu, id-difensur tad-dinja Nisranija, kien f'taqbida kontinwa mal-Imperu Ottoman li kien jirrappreżenta l-interessi tad-dinja Musulmana f'dawk iż-żminijiet u kien qiegħed jagħmel minn kollox biex jespandi fil-Punent tal-Mediterran. L-imperu Ottoman kien ibbażat f'Kostantinopoli.

Dawn iż-żewġ Imperi kellhom diversi gwerer bejniethom għal ikar minn żewg sekli, sa tmiem is-seklu tmintax. Waħda mill-ikbar battalji fuq il-baħar, li spiċċat f'rebħa għall-qawwiet Insara kienet dik ta' Lepanto f'Ottubru 1571 u li fiha kienet ħadet sehem ukoll l-Ordni ta' San Ġwann. Fuq l-art ħafna mill-ġlied seħħ f'dawk li llum huma l-Ungerija, il-Kroazja u s-Serbja.





# Inċiżjoni ta' Ascanio Della Corgna

(Mużew Marittimu)

Inċiżjoni minn fuq ir-ramm li turi lil Ascanio della Corgna, neputi tal-Papa Giulio III (1550-1555) u ħu l-Kardinal Giulio Della Corgna (1517-1583). Ascanio kellu ħajja kkulurita ħafna bħala suldat professjonali u kien involut f'ħafna assedji. Ta' 20 sena kien diġa tilef għajn waħda. Waqt l-Assedju l-Kbir ta' Malta kien wieħed mill-mexxeja ta' dak li baqà magħruf bħala l-Gran Soccorso li wassal għat-tmiem tal-istess Assedju.



Il-Gran Soccorso jew l-Għajnuna l-Kbira kienet l-għajnuna militari li ġiet minn Sqallija fis-7 ta' Settembru 1565 u li żbarkat fl-inħawi tal-Mellieħa. Din il-forza hija maħsuba li kienet tikkonsisti f'10,000 suldat u kienet immexxija minn Don Garcia de Toledo li kien il-Viċi-Re ta' Spanja. Din tissejjaħ Gran Soccorso jew l-Għajnuna l-Kbira għaliex ftit żmien qabel kienet waslet forza żgħira ta' madwar 700 suldat biex jgħinu lill-Maltin fl-Assedju.



Minħabba l-kapaċita li Ascanio kellu, kemm il-Gran Mastru De Vallette u kif ukoll l-Arkitett Francesco Laparelli kkonsultawh biex jgħin bil-pariri professjonali tiegħu waqt l-ippjanar tal-bini tas-swar tal-Belt Valletta. Dan wettqu fiż-żjarat li kellu f'Malta waqt il-bidu tal-bini tal-Belt Valletta. Il-bini tal-Belt Valletta kienet il-ħolma tal-Gran Mastru De Vallette li mexxa lill-Maltin u lill-Ordni matul l-Assedju l-Kbir. Bdiet tinbena fl-1566, bl-ewwel ġebla titqiegħed fit-28 ta' Marzu. L-arkitett Francesco Laparelli, mibgħut f'Malta mill-Papa Piju V, kien ħa ħsieb il-pjanti.



# Inċiżjoni ta' Filippu II

(Mużew Marittimu)

Inċiżjoni fuq ir-ramm li turi lir-Re Filippu II ta' Spanja, bin l-Imperatur Karlu V. Filippu II kien Re ta' Spanja, tal-Portugal, ta' Napli u ta' Sqallija u biż-żwieġ tiegħu mar-Reġina Marija I kien ukoll għal xi żmien Re tal-Ingilterra u l-Irlanda. Kien ukoll Duka ta' Milan u mexxej ta' sbatax - il provinċja fl-Olanda. L-Imperu tiegħu kien jinkludi territorji f'kull kontinent li l-Ewropej kienu jafu bih sa dak iż-żmien. Taħt ir-renju tiegħu Spanja laħqet il-qofol tal-influwenza tagħha. Filippu II kien Kattoliku ferventi u daħal f'battalji kbar, fosthom fl-Olanda, biex jipprova jrażżan il-Protestantiżmu. L-Olanda spiċċat iddikjarat l-indipendenza fl-1581. Ipprova wkoll jinvadi l-Ingilterra fl-1588 biex ireġġa lura lil dan il-pajjiż lejn il-Kattoliċiżmu, iżda dan l-attentat falla.



Fil-Mediterran Filippu II organizza l-forzi Spanjoli ma' dawk ta' potenzi oħra Kattolici, inkluż l-Ordni ta' San Ġwann kontra l-Imperu Ottoman. Fl-1560 ħatfu l-gżira ta' Djerba. Ma dan kollu l-Ottomani ħadu lura din il-gżira wara ftit xhur. Il-forzi Kattoliċi tilfu sittin vapur u 20,000 persuna. Fl-1565 imbagħad kien hemm l-Assedju l-Kbir ta' Malta. Filippu II kien bagħat f'Malta l-famużi Tersios li kienu stazzjonati fil-Forti Sant Iermu, li rreżistit lill-forzi Ottomani għal xahar sħiħ. Is-suldati Spanjoli mietu kważi kollha. Filippu kien ukoll strumentali biex ħeġġeġ lill-Viċi Re ta' Sqallija sabiex jibgħat l-għajnuna lil Malta waqt l-istess Assedju, liema għajnuna waslet f'żewġ forzi, waħda żgħira u oħra kbira li għenet biex jispiċċa l-Assedju.



Filippu II kien irregala l-famuża xabla lil Gran Mastru de Vallette bħala turija t'apprezzament għar-rebħa fl-Assedju l-Kbir, liema xabla llum tinsab fil-Louvre f'Pariġi wara li ttieħdet fi żmien il-ħakma Franċiża.



# Self Portrait - Mattia Preti

(Muża - Mużew Nazzjonali tal-Arti)



Dan il-kwadru interessanti tal-pittur Mattia Preti kien akkwistat minn Heritaġe Malta din is-sena. Huwa kwadru li juri lil Apelles li kien pittur tal-perjodu klassiku antik ipitter lil Campespe li kienet il-maħbuba sabiħa ta' Alessandru l-Kbir. Fatt importanti huwa li fil-figura ta' Apelles, Preti pitter lilu nnifsu f'żogħżitu. Dan il-kwadru kien ikbar minn kif jidher illum iżda xi żmien ilu dan inqasam fi tlett partijiet li inbiegħu separatament. Mhux magħruf għaliex kien sar dan l-isfreġju. Iż-żewġ partijiet l-oħra li kienu jagħmlu parti minn dan il-kwadru, dik li turi lil Campespe tinsab fil-Mużew tal-Barokk ta' Ariccia f'Ruma filwaqt li l-parti li turi lil Alessandru l-Kbir tinsab f'kollezzjoni privata.

Mattia Preti twieled fl-24 ta' Frar tal-1613 fil-Belt ta' Taverna fil-Kalabrija fl-Italja u kien ġej minn familja ta' pitturi. Meta kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu mar jaħdem ma ħuħ Gregorio li kellu bottega tal-arti f'Ruma. Dan kien fl-1624. Mattia ma damx ma wera kapaċita li ssuperat lil dik ta' ħuħ stess u għalhekk f'qasir żmien stabbilixxa isem għalih innifsu. Fl-1659 Mattia Preti ġie Malta u beda l-kuntatti tiegħu mal-Ordni ta' San Ġwann. Kien offra rigal lill-Ordni li kien il-kwadru ta' San Ġorġ li jinsab fil-kappella ta' Aragona fil-knisja konventwali ta' San Ġwann.

Fl-1661 irritorna Malta u offra li jpitter il-volta kollha tas-saqaf tal-knisja konvetwali ta' San Ġwann mingħajr ħlas. Ried li jingħata t-titlu ta' Kavallier tal-Grazzja mill-Ordni, liema proposta l-Ordni aċċettatha bi pjaċir kbir. Dan ix-xogħol tlesta fl-1666. Huwa kellu bosta kummissjonijiet ta' kwadri għal diversi knejjes u palazzi f'Malta u kien jaħdem ukoll xogħol għal barra min Malta. Kien jibgħat b'mod regolari kwadri lejn belt twelidu biex iżejjen il-knejjes ta' dik il-belt. Kellu wkoll xogħol li mar f'Napli, Ruma, Firenze, Palermo u anki barra mill-Italja.

Mattia Preti li għex il-parti l-kbira ta' ħajtu f'pajjiżna, miet f'Malta fit-3 ta' Jannar tal-1699 u indifen fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Il-qabar tiegħu tgħatta b'lapida dekorattiva tal-irħam interzjat li turi l-istemma tal-familja tiegħu.




TRATADO
BREVE
CONTRA LA SECTA
MAHOMETANA.
EN EL QVAL POR RAZONES demostrativas se les convence manifiestamente à los Turcos, sin que lo puedan negar en manera alguna, ser falsa la ley de Mahometo, y verdadera la de los Christianos.
CON OTROS DOS DIALOGOS, QVE demuestran con la misma certeza, y evidencia la verdad de nuestra Santa Fè Catolica, contra qualesquiera Sectas de Infieles, y particularmente contra la de los Judios, y Hereges.
CONSAGRALO TODO A LA MAYOR gloria de Dios Trino, y Vno. de Christo nuestro Señor Sacramentado, y de su Sacratissima, y Purissima Madre, Concebida sin mancha de pecado Original en el primer instante de su Ser, Manvel Sanz de la Compañia de Jesvs, Consultor del Santo Oficio en la Isla de Malta.
CON LICENCIA.
En Sevilla, por Lvcas Martin, Año 1693.
123

# Ktieb tal-1693 dwar il-konverżjoni tal-Misilmin (Palazz tal-Inkwiżitur)

Dan il-ktieb interessanti jitratta gwida bl-iSpanjol ippubblikat fl-1693 minn Manuel Sanz, Ġiżwita missjunarju f'Malta li serva bħala uffiċjal tal-Inkwiżizzjoni f'pajjiżna, fil-kariga ta' konsultur. Il-konsulturi tal-Inkwiżizzjoni kienu jservu tul ħajjithom fi gruppi minn tmienja sa tnax. Kienu membri tal-kleru djoċesan jew ta' ordnijiet konventwali, bħalma kien Sanz, imħarrġa sew fit-Teoloġija u fil-Liġi Kanonika. Għaldaqstant kienu esperti biżżejjed sabiex joffru l-pariri tagħhom lill-Inkwiżitur fir-rigward ta' każijiet li dawn kienu jsibu quddiemhom.



F'dan il-ktieb Sanz jagħti gwida ta' kif Kattoliku għandu jirsisti sabiex minflok jibqa passiv, jipprova jikkonverti lill-Misilmin u jisħaq magħhom li l-fidi Kattolika tħaddan il-verità. Sanz jindirizza lill-Kattoliċi li jżommu Misilmin fi djarhom u lil dawk li minħabba raġunijiet varji kienu f'kuntatt magħhom, u jipprovdi djalogi fittizji sabiex iservu ta' eżempju għal kif bi ftit kliem wieħed seta' faċilment iwassalhom biex jikkonvertu. Jikteb li dan it-tagħlim għandu jiġi prattikat mhux biss ma' Misilmin iżda wkoll ma' Lhud u eretiċi oħra li jiġu f'kuntatt mal-Kattoliku.

Dan il-ktieb ġie mibjugħ l-ewwel bit-Taljan f'Katanja fl-1691 bit-titlu *Breve trattato nel quale con ragioni dimostrative si convincono manifestamente i Turchi esser falsa la legge di Maometto e vera solamente quella di Cristo.* F'Ġunju 2016 Heritage Malta akkwistat din il-kopja oriġinali, verżjoni Spanjola stampata f'Seville fl-1693, sabiex tifforma parti mill-kollezzjoni nazzjonali għall-wiri fil-Palazz tal-Inkwiżitur, fil-Birgu.

L-Inkwiżizzjoni kienet fis-seħħ f'Malta bejn l-1433 u l-1798. B'kollox kien hemm 81 Inkwiżitur. Minnhom 22 saru Kardinali u 2 saru anki Papiet. Qabel il-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann l-Inkwiżizzjoni kienet titmexxa minn Pro-Inkwiżitur reġjonali. Kien mal-miġja tal-Ordni li l-Inkwiżizzjoni bdiet titmexxa minn Inkwiżitur permanenti f'Malta. Ix-xogħol tal-Inkwiżizzjoni kien dak li tieħu passi kontra individwi akkużati b'reati kontra t-tagħlim tar-reliġjon Kattolika.





# Kwadru ta' Pietro Attard

(Mużew Marittimu)

Dan il-kwadru tat-tieni nofs tas-seklu 18 juri lin-negozjant Malti, Pietro Attard. Interessanti li fil-pittura tidher ċara l-identifikazzjoni tiegħu stess. Kwadri bħal dan jixħtu dawl fuq dak li kien qiegħed iseħħ f'Malta fis-seklu 18. Il-klassi medja tan-negozjanti Maltin riedet li tkun imfakkra b'pitturi fuq it-tila bħal dan li jixhdu l-prestiġju li kienet tħoss din il-klassi. In-negozjanti Maltin ma baqgħux lura milli japrofittaw u jkabbru n-negozju tagħhom kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra speċjalment Sqallija, l-Italja, Franza u Spanja.

L-Ordni ta' San Ġwann li f'dan iż-żmien kienet taħkem lil pajjiżna, minn dejjem tat importanza kbira lix-xogħol tal-baħar, kemm dak militari kif ukoll dak ekonomiku. Lejn l-aħħar tas-seklu 17 twaqqaf il-Consolato del Mare di Malta, il-Konsolat Malti tal-Baħar. Xogħolu kien dak ta' tribunal marittimu fl-oqsma tan-negozju u tal-baħħara. Ftit taż-żmien wara fis-seklu 18 fi żmien il-Gran Mastru Pinto beda jsir żvillup ta' espansjoni tas-servizzi fil-Port il-Kbir, fosthom bil-bini ta'diversi mħazen fejn illum insibu l-Valletta Waterfront.








COMPAGNIE





# Azzarin użat mill-Franċiżi matul ir-rewwixta tal-Maltin (L-Armerija tal-Palazz)

Dan l-azzarin huwa interessanti għall-fatt li fil-kanna tiegħu hemm stampat is-salib tat-tmien ponot simbolu tal-Ordni ta' San Ġwann. Dan jikkonferma li kien propjeta tal-Armerija tal-Ordni. It-tul ta' dan l-azzarin huwa ta' ftit inqas minn metru. Dan it-tip t'azzarin kien komuni lejn l-aħħar żmien tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta u fl-Armerija tal-Palazz Maġisterjali kien hemm ammont sostanzjali minnhom. Dan kien wieħed minn 20,000 tat-tip tiegħu li kienu nxtraw fl-1761 minn Franza sabiex ifornu lit-truppi tal-Ordni. Dawn kienu ttieħdu kollha mill-Palazz meta l-Franċiżi okkupaw il-Belt Valletta, għajr għal xi tnejn li kienu għat-tiswija. Dan l-aħħar Heritage Malta irnexxielha ssib din l-arma awtentika li kienet tagħmel parti minn dawk l-armi li ttieħdu. Din inxtrat minn kollezzjoni privata u tpoġġiet għall-wiri fl-istess Armerija tal-Palazz.

Meta fit-2 ta' Settembru 1798 il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi fl-Imdina, dawn ħasbu biex iħejju għal assedju. Fi ftit jiem l-inħawi tal-kampanja kienu taħt il-kontroll tal-Maltin. Il-Franċiżi ingħalqu fil-Belt Valletta u fil-Kottonera. Biex setgħu jirreżistu għal dan l-assedju, il-Franċiżi ħadu dawk l-armi kollha li setgħu mill-Armeriji. Il-Franċiżi kienu nies imħarrġa sew fil-gwerra u kienu jafu li minn ħin għal ieħor il-Maltin kienu se jitolbu l-għajnuna tal-flotta Ingliża li f'dak iż-żmien kellha l-kontroll tal-Mediterran.






Fil-fatt l-Ingliżi resqu lejn Malta l-ewwel darba fis-27 ta' Ottubru 1798 meta Sir Alexander Ball għen lill-Għawdxin biex ħadu kontroll tal-Forti Chambray. Fi ftit żmien Ball stazzjona ruħu fil-Palazz ta' San Anton fejn waqqaf il-kwartier ġenerali tiegħu. Minn naħa tagħhom, il-Franċiżi magħluqin wara s-swar irreżistew għal kważi sentejn. Kien fl-4 ta' Settembru 1800 meta l-Ġeneral Vaubois bagħat iħabbar lill-Ġeneral Graham li kien irid jiftiehem biex jitlaq mill-Belt Valletta. Fit-8 ta' Settembru 1800, il-Kaptan Sir Alexander Ball akkumpanjat mill-Mexxeja tal-Maltin, daħal fil-Belt Valletta.


TRIBUTO DI RICONOSCENZA DEL POPOLO
MALTESE AL SIG.R GRAHAM BRIGADIERE
GENERALE DELLE TRUPPE ALLEATE
NELL ASSEDIO DI MALTA
1800.

# Platt kommemorattiv tal-fidda

(Mużew Nazzjonali tal-Gwerra)

Dan il-platt kommemorattiv huwa xogħol fil-fidda ta' Saverio Meli tal-perjodu tal-Gran Mastru De Rohan (1775-1797). Fih hemm inċiżjoni li tirrapreżenta skudett ta' Malta bil-kuruna fuqu. Fil-ġnub hemm trofew iffurmat minn armi militari. Dan il-platt kommemorattiv kien sar biex ingħata rigal lill-Ġeneral Graham. Bejn l-1798 u l-1800 Sir Thomas Graham kien ġie Malta biex jieħu f'idejh it-tmexxija militari tal-imblokk kontra l-Franċiżi li kienu assedjati fil-Belt Valletta u fil-Kottonera.

Il-fatt li l-gżejjer Maltin qabel l-1530, meta ingħataw lill-Ordni ta' San Ġwann, kienu jappartjenu lir-renju taż-Żewġ Sqallijiet, kien biżżejjed biex meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi talbu l-għajnuna lir-Re Ferdinandu ta' Napli. Dan minn naħa tiegħu ma xtaqx li Malta tibqa f'idejn il-Franċiżi, iżda huwa nnifsu kellu biżżejjed problemi mal-Franċiżi għaliex dawn kienu qed iħejju biex jaħtfu lil Napli taħt idejhom. Għalhekk meta l-Maltin talbu din l-għajnuna r-Re Ferdinandu ma kienx lest li jintervjeni. Minflok talab lill-Ingliżi li f'dak iż-żmien kienu fi gwerra kontra Franza biex jinterċedu f'ismu u jiddefendu l-interessi tar-renju tiegħu. B'din l-iskuża intbgħat f'Malta l-Ġeneral Graham biex imexxi militarment u Sir Alexander Ball intbgħat bħala Kummissarju Ċivili.



Dan il-platt kien rigal mill-Maltin lill-Ġeneral Graham bħala rikonoxximent tal-ħidma li wettaq biex Malta inħelset mill-ħakma Franċiża. Sir Alexander Ball, li wara l-imblokk kien imlaħħaq Kummissarju Ċivili ukoll ingħata platt mill-Maltin u jinsab fil-kollezzjonijiet nazzjonali.

Il-Franċiżi kienu invadew lil Malta fl-10 ta' Ġunju tal-1798. Huma kienu mmexxja mill-Ġeneral famuż Napuljun Bonaparti li anki għamel ftit jiem f'Malta. F'Malta Napuljun għex f'Palazzo Parisio fi Triq il-Merkanti, l-Belt Valletta fejn illum hemm il-Ministeru tal-Affarijitiet Barranin u ftit wara telaq lejn l-Eġittu. Dan kien iż-żmien meta Napuljun u l-forzi Franċiżi kellhom jiġru warajhom il-flotta Ingliża taħt il-kmand tal-Ammiral Horatio Nelson. Nelson kien kisser il-flotta Franċiża fil-Battalja tan-Nil fil-Bajja ta' Aboukir fl-Eġittu f'Awwissu tal-1798.





# Kwadru ta' Giuseppe Zammit Ta' Ċejlu

(Mużew Marittimu)

Lejn l-aħħar nofs tas-seklu dsatax fid-daħla ġewwinijja tal-Port il-Kbir sar ħafna żvilupp u beda jissejjaħ Portu Novu. Kienu inbnew ħafna imħażen mill-aqwa negozjanti Maltin. Dan l-iżvilupp kollu wassal biex ħafna nies sabu xogħol f'dawk l-inħawi. Il-Gvernatur Le Merchant (1858-64) ħaseb biex din il-parti l-ġdida tal-port tibda tisejjaħ għall-Prinċep Albert (1819-1861), ir-raġel tar-Reġina Vittorja, u għalhekk bdiet tissejjaħ Albert Town.



Dan il-progress kollu ħajjar iktar nies imorru jgħixu f'dawn l-inħawi. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja biex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tal-abitanti. Kien għalhekk li l-avukat Ġużeppi Zammit daħal biex jagħmel tajjeb għall-bini ta' din il-knisja li għalkemm ċkejkna kient taqdi lil dawk li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi. Il-knisja inbniet fuq stil Barokk u kienet iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Tlestiet fl-1870 u saret magħrufa bħala l-knisja ta' Ċejlu.



Iż-żmien li matulu tlesta l-proġett tal-belt il-ġdida kien ukoll iż-żmien li matulu bdew jinbnew il-vapuri tal-ħadid. Ġara li ħafna mill-ħaddiema li kienu jaħdmu fuq il-bini tal-vapuri bdew isibu xogħol ġdid mal-Ammiraljat. Dan ġara meta tħaffru żewġ baċiri ġodda fid-daħla tal-Franċiżi fil-Kottonera. B'dawn l-iżvillupi Albert Town ma tantx qabdet art biex tattira n-nies u fl-1913 dawn l-inħawi ġew amalgamati fil-parroċċa ġdida tat-Trinita Mqaddsa li kienet għadha kif ġiet stabbilita.

Il-knisja Ta' Ċejlu għal xi żmien wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kellha bħala l-qanpiena tagħha dik li kienet fuq il-vapur tal-merkanżija MS Pampas, li kien jifforma parti mill-konvoj ta' Santa Marija u li kien salva lil Malta f'Awwissu tal-1942.



# Kollezzjoni ta' bebbux

(Mużew tal-iStorja Naturali)

Il-bażi ta' kull Mużew hija l-kollezzjoni ta' artifatti li dan ikollu kemm esebiti għall-pubbliku kif ukoll fil-kollezzjoni tar-riżerva. Ix-xiri ta' oġġetti jew ta' eżemplari ġodda jkomplu jagħmlu l-kollezzjoni iktar sinjura u fl-istess ħin iżidu mal-possibiltajiet għal iktar riċerka u informazzjoni.

Il-Mużew tal-iStorja Naturali jiġbor fih kollezzjoni interessanti li tvarja minn diversi ħlejjaq, ħxejjex, fossili, minerali, għadam u ġebel li kollha huma importanti biex jixħtu dawl fuq l-istorja naturali tal-gżejjer Maltin. Matul dawn l-aħħar għaxar snin dan il-mużew xtara numru sabiħ ta' għasafar, insetti, bebbux, imħar u ħlejjaq oħra simili. Il-kollezzjoni tal-Mużew fl-aħħar snin rat ukoll żieda konsiderevoli bis-saħħa ta' donazzjonijiet li ġew minn għand donaturi u kollezzjonisti bħal Glenville, De Lucca, Vella Muskat u Rizzo. Dawn id-donazzjonijiet kienu jikkonsistu f'diversi mijiet ta' eżemplari. Bis-saħħa ta' dan kollu l-kollezzjoni fil-Mużew tal-iStorja Naturali fl-Imdina, li illum hija aċċessibli għal fini ta' riċerka, tammonta għal iktar minn 100,000 eżemplari.













OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA